



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0196

L-aġġustament tad-dazji doganali u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (COM(2025)0471 - C10-0193/2025 - 2025/0261(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0471),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0193/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Mejju 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Aġrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0069/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht¹;
2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew*;
3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew*;
4. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-26 ta' Marzu 2026 (Testi adottati, P10_TA(2026)0096).

P10_TC1-COD(2025)0261

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1455.)

ANNES TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja skont ir-Regolament (UE) 2026/1455 dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li l-Parlament Ewropew jagħti lis-segwitu mill-qrib tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti s-sospensjoni tal-preferenzi mogħtija lill-Istati Uniti. Għal dak il-għan, jekk il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se tivvaluta bir-reqqa jekk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx bidu *ex officio* ta' investigazzjoni u se tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2026/1455 dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għal importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat regolarment u se tqis bis-sħiħ il-fehmiet tal-Parlament Ewropew qabel ma tipproponi att ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.